MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-22 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 1575/1997/1

***Data-Byte Computer Services Limited***

***Versus***

**Michael Mallia bħala *chairman* għan-nom u in rappreżentanza tal-*management board* ta' *Zammit Clapp Hospital*; u b'dikriet ta' l-4 ta' Diċembru 2003 il-kawża tkompliet f'isem Joseph Micallef bħala *general manager* ta' l-istess *management board***

Din il-kawża hija dwar *software sale and support agreement*.

Fiċ-ċitazzjoni s-soċjetà attriċi tgħid illi bis-saħħa ta' *software sale and support agreement* magħmul fit-2 t'April 1993, il-partijiet ftiehmu illi l-attriċi kellha tipprovdi *software* u servizzi li għandhom x'jaqsmu miegħu lil *Zammit Clapp Hospital*. Fost pattijiet oħra, il-ftehim igħid illi s-*software* kellu jibqa' proprjetà ta' l-attriċi, u l-konvenut intrabat illi ma jgħaddix is-*software* lil terzi mingħajr il-kunsens ta' l-attriċi.

Biex twettaq il-ftehim l-attriċi żviluppat programmi speċifikament għall-ħtiġiet ta' l-isptar, u biex għamlet hekk daħlet f'ħafna spejjeż. Il-konvenut, iżda, minħabba raġunijiet li għalihom iwieġeb hu, ħall il-ftehim. Illum għandu jagħti lill-attriċi elfejn u tmienja u ħamsin lira u erbgħa u tmenin ċenteżmu (Lm2,058.84) għas-servizzi li ngħatawlu taħt il-ftehim, u baqa' ma ħallasx għalkemm l-attriċi sejħitlu kemm-il darba biex iħallas u għalkemm kien jaf illi n-nuqqas tiegħu li jħallas kien jagħti lill-attriċi l-jedd illi ma tkomplix tagħtih is-servizz skond il-ftehim.

Barra minn hekk, l-attriċi saret taf illi l-konvenut għamel arranġamenti ma' terzi biex is-sistemi żviluppati mill-attriċi u proprjetà tagħha jitħaddmu minn dawn it-terzi persuni, u dan bla ma nkiseb il-kunsens ta' l-attriċi u minkejja l-obbligi li ntrabat bihom il-konvenut u minkejja t-twissijiet li sarulu. Dan l-għemil għamel ħsara kbira lill-attriċi.

L-attriċi kisbet il-ħruġ, b'dikriet tat-23 ta' Ġunju 1997, ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 2777/1997) biex iżżomm lill-konvenut milli b'xi mod igħaddi lil terzi s-*software* ta' l-attriċi u kull tagħrif dwaru jew aċċess għalih. Issa, f'din il-kawża, l-attriċi qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tikkundanna lill-konvenut iħallasha elfejn u tmienja u ħamsin lira u erbgħa u tmenin ċenteżmu (Lm2,058.84) kif imfisser fuq;
2. tikkonferma l-mandat ta' inibizzjoni numru 2777/1997 kif maħruġ b'dikriet tat-23 ta' Ġunju 1997;
3. tgħid illi l-konvenut għandu jwieġeb għad-danni li ġarrbet l-attriċi talli għamel użu mhux awtorizzat, u bi ksur tal-ftehim, tas-*software* ta' l-attriċi;
4. tillikwida d-danni; u
5. tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-ispejjeż ġudizzjarji, fosthom dawk tal-mandat ta' inibizzjoni.

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-ewwel talba ma tistax tintlaqa' għax l-attriċi ma wettqitx l-obbligi tagħha kif kellha tagħmel;
2. it-tieni talba ma tiswiex għax qiegħda ssir għal konferma ta' mandat ta' inibizzjoni perpetwu u mhux għal konferma ta' xi dritt kif irid l-art. 843 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

3. it-tielet, ir-raba’ u l-ħames talbiet ma jistgħux jintlaqgħu għax il-konvenut ma għamel ebda użu mhux awtorizzat, jew bi ksur tal-ftehim, tas-*software*.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

Il-partijiet ftiehmu illi s-soċjetà attriċi kellha tħejji u twettaq sistema ta’ informatika għat-tmexxija ta’ l-isptar tal-konvenut. Is-sistema kien magħmul minn aktar minn *module* wieħed: fosthom kien hemm programm tal-*payroll*, *accounts*, *stock monitoring* u *patient monitoring*. Dawn is-sistemi ma kinux implimentati kollha f’salt iżda fuq medda ta’ żmien. Billi s-sistema kien “*bespoke*” u mhux “*off the shelf*”, ikun inevitabbli illi jkun fih xi difetti jew “*bugs*” illi joħorġu u jidhru biss waqt l-użu. Barra minn hekk, waqt illi l-klijent ikun qiegħed jinqeda bis-sistema jintebaħ illi jkun jeħtieġ funzjonijiet oħra, u għalhekk ikunu meħtieġa żjidiet jew modifikazzjonijiet biex jaqdu ħtiġiet ġodda jew li jinbidlu matul iż-żmien.

Għal din ir-raġuni, is-servizz li tagħti l-attriċi ma huwiex wieħed ta’ darba iżda huwa wieħed kontinwu, u xi drabi jkunu meħtieġa interventi ta’ spiss. Dawn l-interventi kienu jkunu bi ħlas, iżda, kif fisser id-direttur tas-soċjetà attriċi[1], din ma tippretendix ħlas għal interventi li jkunu meħtieġa biex jagħmlu tajjeb għal *bugs* fis-sistema għax inkella l-attriċi kien ikollha interess illi tipprovdi sistema b’ħafna difetti sabiex il-klijent ikollu jibgħat għaliha ta’ spiss u hekk titħallas aktar.

Ġara illi, għalkemm fil-bidu ta’ l-implimentazzjoni tas-sistema l-konvenut kien ta’ spiss jeħtieġ l-intervent ta’ l-attriċi, is-sistema kien qiegħed jaħdem sew, jew, għall-inqas, il-konvenut kien moqdi; meta iżda bdew jiġu implementati aktar *modules*, il-problemi żdiedu u l-konvenut ma baqax iqis li hu moqdi sew. Għalhekk waqqaf il-ħlas. L-attriċi, min-naħa l-oħra, wara xi żmien illi l-konvenut waqqaf il-ħlas, ma baqgħetx tagħti s-servizz; il-konvenut aktar ma nqediex u aktar ħass li kellu raġuni għala ma jħallasx. Ladarba l-partijiet bdew in-niżla f’dan il-garigor kien inevitabbli illi s-sitwazzjoni tmur għall-agħar, sakemm fl-aħħar il-konvenut ma setax jinqeda aktar bis-sistema u kellu jikseb ieħor ġdid għal kollox mingħand terzi.

[1] Ara x-xhieda ta’ Frederick Micallef fis-seduta tad-19 ta’ Novembru 1999, *fol.* 46.

Issa l-attriċi fetħet din il-kawża biex titlob il-ħlas għas-servizz li tat sa ma ntemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet. Il-konvenut ma hux qiegħed jiċħad illi l-attriċi tat is-sigħat ta’ xogħol li għalihom qiegħed jintalab il-ħlas, iżda qiegħed igħid illi nqalgħet il-ħtieġa għal dan kollu għax is-sistema mqiegħed mill-attriċi ma kienx tajjeb. Huwa għalhekk fuq il-konvenut l-oneru illi juri illi tassew illi s-sistema kien implimentat ħażin mill-attriċi, kemm għax l-oneru tal-prova qiegħed fuq min jagħmel l-allegazzjoni, kemm għax ma hemmx preżunzjoni fil-liġi illi obbligazzjonijiet kuntrattwali twettqu ħażin, u kif ukoll għax, billi s-sistema kien implimentat fuq *hardware* li qiegħed f’idejn il-konvenut, il-prova jekk is-sistema hux tajjeb jew ħażin aktar setgħet issir mill-konvenut milli mill-attriċi.

Fil-fehma tal-qorti, il-konvenut ma għamilx din il-prova. Anzi, mix-xhieda ħareġ illi l-problemi bdew jinqalgħu wara li seħħet bidla fit-tmexxija — li ġabet magħha wkoll bidla fl-atteġġjament — ta’ l-isptar. Jidher illi s-sistema falla mhux għax kien ħażin fih innifsu iżda għax, minħabba nuqqas ta’ ħlas, l-attriċi ma baqgħetx tagħti s-servizz meħtieġ. L-attriċi iżda kellha kull jedd illi ma tkomplix tagħti s-servizzi tagħha, u hekk tkompli tkabbar id-dejn, ladarba l-konvenut ma kienx qiegħed iħallas.

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut hija għalhekk miċħuda.

L-attriċi qiegħda titlob ukoll danni għax tgħid illi l-konvenut għamel użu tas-*software* kontra l-ftehim.

Mill-provi iżda ħareġ illi l-konvenut ma baqax jinqeda bis-*software* ta’ l-attriċi u daħħal sistema ġdid floku. Ma nġiebet ebda prova illi l-konvenut għadda s-*software* jew xi tagħrif dwaru lil terzi, u lanqas ma nġiebet prova illi l-attriċi ġarrbet xi danni minħabba f’xi għemil tal-konvenut dwar is-*software*.

It-talbiet dwar id-danni huma għalhekk miċħuda.

Lanqas ma tista’ tintlaqa’ talba biex il-qorti “tikkonferma” mandat ta’ inibizzjoni. Mandat ta’ inibizzjoni huwa rimedju kawtelatorju u ma tibqa’ ebda ħtieġa għalih wara li tingħata sentenza.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta’ l-kawża billi tilqa’ l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lill-*management board* konvenut iħallas lill-attriċi s-somma t’elfejn u tmienja u ħamsin lira u erbgħa u tmenin ċenteżmu (Lm2,058.84) bħala ħlas għas-servizzi mogħtija

mill-attriċi lill-konvenut, u tiċħad it-talbiet l-oħrajn. L-ispejjeż jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------